REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1041

tal-24 ta' Mejju 2023

li jagħti awtorizzazzjoni tal-Unjoni għall-prodott bijoċidali "TWP 094" f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Fit-12 ta' ta' Novembru 2018, it-TROY CHEMICAL COMPANY BV issottomettiet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 43(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni ta' prodott bijoċidali bl-isem TWP 094 tat-tip 8 tal-prodotti, kif deskritt fl-Anness V ta' dak ir-Regolament, u pprovdiet konferma bil-miktub li l-awtorità kompetenti tad-Danimarka kienet aċċettat li tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru tal-każ BC-QN044827-14 fir-Reġistru tal-Prodotti Bijoċidali.

(2) Is-sustanza attiva fit-TWP 094 hija l-butilkarbamat tat-3-jodo-2-propinil (IPBC) li huwa mniżżel fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi attivi approvati msemmija fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tip 8 tal-prodotti.

(3) Fis-7 ta' Jannar 2022, l-awtorità kompetenti tal-evalwazzjoni ssottomettiet rapport ta' valutazzjoni u l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tagħha lill-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(4) Fil-5 ta' Lulju 2022, l-Aġenzija ressqet l-opinjoni tagħha ([2]), l-abbozz tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali ("SPC") tat-TWP 094, u r-rapport finali tal-valutazzjoni dwar dan il-prodott bijoċidali lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(5) L-opinjoni kkonkludiet li t-TWP 094 huwa prodott bijoċidali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li huwa eliġibbli għall-awtorizzazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament u li, soġġett għall-konformità mal-abbozz tal-SPC, jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 19(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Fit-18 ta' Awwissu 2022, l-Aġenzija bagħtet l-abbozz tal-SPC bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 44(4) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(7) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u għaldaqstant hija tal-fehma li jixraq li tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni għat-TWP 094.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.

([2]) L-opinjoni tal-ECHA tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-awtorizzazzjoni tal-Unjoni tat-TWP 094 (ECHA/BPC/348/2022), https://echa.europa.eu/opinions-on-union-authorisation.

(8) Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija qalet li bħala kundizzjoni fl-awtorizzazzjoni, id-detentur tal-awtorizzazzjoni jrid iwettaq test tal-ħżin fit-tul tat-TWP 094 f'temperatura ambjentali, u jipprovdi test għall-persistenza tar-ragħwa, u test dwar il-grad ta' dissoluzzjoni u test tal-istabbiltà fid-dilwizzjoni fil-forma tal-prodott li tkun konċentrat solubbli. Ir-riżultati tat-test tal-ħżin fit-tul għandhom jikkonfermaw li tingħata ħajja tal-ħżin ta' sena lill-prodott bijoċidali abbażi ta' test aċċellerat tal-istabbiltà fil-ħżin, u r-riżultati *interim* sottomessi ta' test tal-istabbiltà fil-ħżin għat-tul f'temperatura ambjentali. L-informazzjoni li trid tingħata dwar il-persistenza tar-ragħwa, dwar il-grad ta' dissoluzzjoni, u dwar l-istabbiltà fid-dilwizzjoni, għandha tikkonferma l-proprjetajiet tekniċi tal-prodott fil-format tiegħu ta' konċentrat solubbli.

(9) Il-Kummissjoni taqbel mal-opinjoni tal-Aġenzija u hija tal-fehma li s-sottomissjoni tar-riżultati ta' dak it-test u l-informazzjoni dwar it-tip ta' formulazzjoni tal-prodott li jkun konċentrat solubbli jenħtieġ li tkun kundizzjoni marbuta mat-tqegħid fis-suq u mal-użu tal-prodott bijoċidali TWP094 skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. Il-Kummissjoni hija tal-fehma wkoll li l-fatt li d-*data* trid tintbagħat wara li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni, ma jaffettwax il-konklużjoni dwar l-issodisfar tal-kundizzjoni skont l-Artikolu 19(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament abbażi tad-*data* eżistenti.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Qed tingħata awtorizzazzjoni tal-Unjoni bin-numru tal-awtorizzazzjoni EU-0028968-0000 lil TROY CHEMICAL COMPANY BV għat-tqegħid fis-suq u għall-użu tal-prodott bijoċidali TWP 094 soġġett għall-konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I u f'konformità mas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali stabbiliti fl-Anness II.

L-awtorizzazzjoni tal-Unjoni hija valida mid-19 ta' Ġunju 2023 sal-31 ta' Mejju 2033.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

TERMINI U KUNDIZZJONIJIET (EU-0028968-0000)

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jwettaq test tal-ħżin fit-tul f'temperatura ambjentali fuq il-prodott TWP 094 biex jikkonferma l-ħajja fuq l-ixkaffa ta' 12 xahar ta' dan il-prodott bijoċidali. Jeħtieġ li l-istudju jinkludi test tal-grad ta' dissoluzzjoni u tal-istabbiltà fid-dilwizzjoni wara li jinħażen għal 12-il xahar f'temperatura ambjentali. Jekk id-degradazzjoni taqbeż l-10 %, huma meħtieġa d-*data* dwar l-effikaċja u l-informazzjoni dwar il-prodotti ta' degradazzjoni u l-impatt tagħhom fuq il-valutazzjoni tar-riskji u għandhom jiġu inklużi.

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jipprovdi test tar-ragħwa persistenti u test dwar il-grad ta' dissoluzzjoni u tal-istabbiltà fid-dilwizzjoni biex jikkonferma t-tip ta' formulazzjoni ta' konċentrat solubbli tal-prodott TWP 094.

Sad-19 ta' Ġunju 2024 id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jissottometti r-riżultati tat-test u l-informazzjoni lill-Aġenzija.

ANNESS II

Sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott għal prodott bijoċidali

TWP 094

Prodott tip 8 - Preservattivi tal-injam (Preservattivi)

Numru tal-awtorizzazzjoni: EU-0028968-0000

Numru tal-ass R4BP: EU-0028968-0000

1. **INFORMAZZJONI AMMINISTRATTIVA**

1.1. **Isem (ismijiet) kummerċjali tal-prodott**

Isem kummerċjali	TWP 094 StoPrim Protect W 22 Aqua Holz-Imprägnier-Grund Gjøco Impregnering Aqua Omnia Preservative Voima Aqua Base Aqua IG-16 Aqua Holz-Imprägnierung Induline SW-906 Sadolin QD Wood Preserver WB Holz-Öl Imprägniergrund WX Imprägniergrund W21000 Imprägniergrund W219 Protox Woodprotect B3 Grundingsolie WP GVK-Pohjuste Plus Pinja Base Grundolja Villa Protect Primex Olja plus Primex Olja Valtti Plus Primer Gori Professional Træimprægnering Vandig Sigmalife WB Primer GORI Transparent grunder træværk 11 IM151A profilan-prevent pro impralan-Grund I100 pro impralan-Grund G300 pro impralan-Grund G400 pro Rhenocryl pro-TL 30 EU Rhenocryl pro-TL 45 EU Holzschutzgrund / sous-couche de protection du bois Impregnační základ Impregnačný základ Houtimpregneer Grund pentru protecția lemnului Holzschutzgrundierung Osmo Træimprægnering WR Aqua 4019 Osmo Träimpregnering WR Aqua 4019 Osmo Treimpregnering WR Aqua 4019 Osmo Puunsuojapohjuste WR Aqua 4019 Osmo Color Träimpregnering WR Aqua 4019 Osmo Imprégnation pour le bois WR aqua 4019 Osmo Holz-Imprägnierung WR Aqua 4019 Osmo Impregnace dřeva WR Aqua 4019

	Osmo Impregnácia dreva WR Aqua 4019 Osmo Impregnazione per legno WR Aqua 4019 Osmo Impregnálás WR Aqua 4019 Osmo Impregnat do drewna WR Aqua 4019 Osmo Houtimpregneer WR Aqua 4019 Osmo Imprégnation pour le bois WR aqua 4019 Osmo Holz-Imprägnierung WR Aqua 4019 Osmo Houtimpregneer WR Aqua 4019 Osmo Impregnarea lemnului WR Aqua 4019 Osmo WR Base Coat Aqua 4019 Osmo Color Puiduimmutus WR Aqua 4019 Osmo Impregnēšana kokam WR Aqua 4019 Osmo Impregnavimas WR Aqua 4019 Osmo WR Base Coat Aqua 4019 Osmo Impregnación para madera WR Aqua 4019 Osmo Impregnação para madeira WR Aqua 4019 Osmo Impregnacija lesa WR Aqua 4019 Osmo Impregnacija drva WR Aqua 4019 Flügger 01 Wood Tex Grund-olie Flügger 01 Wood Tex Grund-olja Flügger 01 Wood Tex Grunn-olje Flügger 01 Wood Tex Grundieröl Flügger 01 Wood Tex Primaire Bois Hydrofuge Flügger 01 Wood Tex Olej-gruntujacy Flügger 01 Wood Tex Flügger 01 Wood Tex Grundolie Holzschutzgrund WOODEX AQUA BASE + AM0572/00 Hydroplus protettivo per legno 458-0004/2 Idro Ceopren protettivo per legno HI2550 Linea Blu protettivo per Legno AM0572/00 Hydroplus Wood protection 458-0004/2 IDRO CEOPREN Wood protection HI2550 Linea Blu Wood Protection AA1960 Laqvin Seal 37647 Ronseal Multi-Purpose Wood Treatment 37648 Ronseal Multi-Purpose Wood Treatment MasqueWoodPro 10 CETOL WP 5000-02 BAUFIX Holz-Imprägnierung YM-–M103/——— 674840 HF PROTECTIVE PRIMER W Grundolja V Ronseal Wood Preserver Ronseal Trade Wood Preserver Screwfix Wood Preserver B&Q Wood Preserver Good Home Wood Preserver Sherwin Williams Wood Preserver Ronseal Fence Life Wood Preserver Ronseal Shed & Fence Preserver Castorama Traitement Bois Extérieur Brico Depot Traitement Bois Extérieur Good Home Traitement Bois Extérieur Altax Traitement Bois Extérieur Ronseal Traitement Bois Extérieur Valspar Traitement Bois Extérieur Valspar Pro Traitement Bois Extérieur Sherwin Williams Traitement Bois Extérieur Luxens Traitement Bois Extérieur Castorama Impregnat do drewna Good Home Impregnat do drewna Altax Impregnat do drewna

	Valspar Impregnat do drewna Valspar Pro Impregnat do drewna Sherwin Williams Impregnat do drewna Luxens Impregnat do drewna Castorama Conservant pentru lemn Good Home Conservant pentru lemn Altax pentru lemn Valspar pentru lemn Valspar Pro pentru lemn Sherwin Williams pentru lemn

1.2. **Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Isem u indirizz tad-detentur ta' awtorizzazzjoni	Isem	TROY CHEMICAL COMPANY BV
	Indirizz	Poortweg 4C, 2612PA Delft Olanda
Numru tal-awtorizzazzjoni	EU-0028968-0000	
Numru tal-ass R4BP	EU-0028968-0000	
Data tal-awtorizzazzjoni	Id-19 ta' Ġunju 2023	
Data ta' skadenza tal-awtorizzazzjoni	Il-31 ta' Mejju 2033	

1.3. **Manifattur(i) tal-prodott**

L-isem tal-manifattur	Troy Chemical Company BV
L-indirizz tal-manifattur	Poortweg 4C, 2612 PA Delft Olanda
Post ta 'siti ta' manifattura	Westelijke Randweg 9, 4791 RT Klundert Olanda Industriepark 23, 56593 Horhausen Ġermanja Geschwister-Scholl-Straße 127, 39218 Schönebeck/Elbe Ġermanja Mecklenburger Str. 229, 23568 Lübeck Ġermanja Halchtersche Str. 33, 38304 Wolfenbüttel Ġermanja Am Nordturm 5, 46562 Voerde Ġermanja Am Alten Galgen 14, 56410 Montabaur Ġermanja

L-isem tal-manifattur	Tikkurila Oyj
L-indirizz tal-manifattur	Kuninkaalantie 1, FI-01301 Vantaa Finlandja
Post ta 'siti ta' manifattura	Kuninkaalantie 1, FI-01301 Vantaa Finlandja uL.Mościckiego 23, 39-200 DĘBICA Polonja

L-isem tal-manifattur	Akzo Nobel Industrial Coatings AB
L-indirizz tal-manifattur	Staffanstorpsvägen 50, 20517 Malmö Isvezja
Post ta 'siti ta' manifattura	Staffanstorpsvägen 50, 20517 Malmö Isvezja

L-isem tal-manifattur	Schulz Farben- und Lackfabrik GmbH
L-indirizz tal-manifattur	An der Altnah 10, 55450 Langenlonsheim Ġermanja
Post ta 'siti ta' manifattura	An der Altnah 10, 55450 Langenlonsheim Ġermanja

L-isem tal-manifattur	Remmers GmbH
L-indirizz tal-manifattur	Bernhard-Remmers-Straße 13, 49624 Löningen Ġermanja
Post ta 'siti ta' manifattura	Bernhard-Remmers-Straße 13, 49624 Löningen Ġermanja Füllenbruchstr. 13, 32120 Hiddenhausen Ġermanja

L-isem tal-manifattur	Remmers Industrielacke GmbH
L-indirizz tal-manifattur	Füllenbruchstr. 13, 32120 Hiddenhausen Ġermanja
Post ta 'siti ta' manifattura	Füllenbruchstr. 13, 32120 Hiddenhausen Ġermanja

L-isem tal-manifattur	Teknos A/S
L-indirizz tal-manifattur	Industrivej 16, DK-6580 Vamdrup Danimarka
Post ta 'siti ta' manifattura	Industrivej 16, DK-6580 Vamdrup Danimarka

L-isem tal-manifattur	Sherwin Williams
L-indirizz tal-manifattur	Thorncliffe Park Estate, Thorncliffe Rd, Chapeltown, S35 2YP Sheffield Ir-Renju Unit
Post ta 'siti ta' manifattura	Thorncliffe Park Estate, Thorncliffe Rd, Chapeltown,, S35 2YP Sheffield Ir-Renju Unit Kopanińska 7, 60-119 Brodziszewo Polonja

L-isem tal-manifattur	Sherwin-Williams Italy S.r.l.
L-indirizz tal-manifattur	Via Del Fiffo 12, 40065 Pianoro (BO) Italja
Post ta 'siti ta' manifattura	Via Del Fiffo 12, 40065 Pianoro (BO) Italja

L-isem tal-manifattur	Sherwin-Williams Sweden AB
L-indirizz tal-manifattur	Bellö, 570 32 Hjältevad Isvezja
Post ta 'siti ta' manifattura	Bellö, 570 32 Hjältevad Isvezja

L-isem tal-manifattur	PPG Industries (Dyrup A/S)
L-indirizz tal-manifattur	Gladsaxevej 300, 2860 Gladsaxe Danimarka
Post ta 'siti ta' manifattura	Gladsaxevej 300, 2860 Gladsaxe Danimarka

1.4. **Manifattur(i) tas-sustanza(i) attiva(i)**

Sustanza attiva	Butilkarbamat tat-3-jodo-2-propinil (IPBC)
L-isem tal-manifattur	Troy Corporation
L-indirizz tal-manifattur	8 Vreeland Road, Florham Park, NJ 07105 New Jersey Istati Uniti
Post ta 'siti ta' manifattura	One Avenue L, NJ 07105 Newark Istati Uniti

Sustanza attiva	Butilkarbamat tat-3-jodo-2-propinil (IPBC)
L-isem tal-manifattur	Troy Chemical Company BV
L-indirizz tal-manifattur	Poortweg 4C, 2612 PA Delft Olanda
Post ta 'siti ta' manifattura	Industriepark 23, 56593 Horhausen Ġermanja

2. **KOMPOŻIZZJONI U FORMULAZZJONI TAL-PRODOTT**

2.1. **Informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva fuq il-kompożizzjoni tal-prodott**

Isem komuni	Isem IUPAC	Funzjoni	Numru CAS	Numru KE	Kontenut (%)
Butilkarbamat tat-3-jodo-2-propinil (IPBC)		Sustanza attiva	55406-53-6	259-627-5	0,75

2.2. **Tip ta' formulazzjoni**

Kwalunkwe likwidu ueħor (AL) u Konċentrat solubbli

3. **DIKJARAZZJONIJIET TA' PERIKLU U PREKAWZJONI**

Dikjarazzjonijiet dwar Periklu	Jagħmel ħsara lill-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema. Fih 3-iodo-2-propynyl butylcarbamate (IPBC). Jista' jagħmel reazzjoni allerġika.
Dikjarazzjonijiet dwar Prekawzjoni	Evita r-rilaxx fl-ambjent. Armi l-kontenut fi skont ir-regolamenti lokali / nazzjonali. Armi il-kontenitur fi skont ir-regolamenti lokali / nazzjonali.

4. **UŻU(IJIET) AWTORIZZATI**

4.1. **deskrizzjoni użu**

Tabella 1. Uża # 1 – Xkupiljar u brim (pubbliku ġenerali, professjonali)

Tip ta' Prodott	TP 08 - Preservattivi għall-injam
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Fuġiċida.

Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem komuni: Fungi ta' tebgħa blu istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: Basidiomycetes: isem komuni: Fungi ta' taħsir kannella istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Outdoor Trattament ta' Prevenzjoni għall-Injam Artab Klassi tal-Użu 2 kif deskritta fl-istandard EN 335:2013 (sitwazzjoni fejn l-injam jew l-prodott abbażi tal-injam ikun taħt għata u ma jkunx espost għall-kundizzjonijiet tat-temp (b'mod partikolari x-xita u x-xita mmexxija bir-riħ) iżda fejn b'mod okkażjonali, iżda mhux persistenti, jista' jseħħ it-tixrib) Klassi tal-użu 3 kif deskritta fl-istandard EN 335:2013 (sitwazzjoni fejn l-injam jew il-prodott abbażi tal-injam jinsab 'il fuq mill-fuq mill-art u espost għat-temp (b'mod partikolari x-xita) Ara taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards EN.
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: Xkupiljar u brim Deskrizzjoni dettaljata: Trattament tas-superfiċje
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'Applikazzjoni: 100 ml/m^2 (kontra l-tebgħa blu fungi); 150 - 160 ml/m^2 (kontra l-fungi li jgħerru l-injam) Dilwizzjoni (%): - Prodott lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni: Applikazzjoni 1
Kategorija(i) tal-utenti	professjonali Pubbliku ġenerali (mhux professjonali)
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Bott (polietilen ta' densità għolja) tal-HDPE: 0,375 litri, 0,75 litri, 1,0 L, 2,5 litri, 5,0 litri Għall-użu professjonali biss: Bott tal-HDPE: 10 litri, 20 litru, 25 litru

4.1.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Tiddilwix (lest biex jintuża).

Applika l-prodott fuq l-injam bi xkupilja jew roller u ħallih jinxef għal madwar 24 siegħa. It-tindif tal-għodod jista' jitwettaq bl-użu ta' supun ħafif u ilma.

L-użu ta' passata ta' fuq (topcoat) huwa meħtieġ. Il-passata ta' fuq ma jistax ikun fih preservattiv bir-rita jew tal-injam. Il-passata ta' fuq trid tiġi protetta.

Il-prodott jipproteġi l-wiċċ tal-injam kontra l-tebgħa blu fungi fuq l-injam li huwa minimament 'moderatament għal daqsxejn durabbli kontra l-fungi' skont l-EN 350:2016: Klassi tad-Durabbiltà (DC) 3-4. Ara taqsima 6 għat-titlu sħiħ tal-istandard EN.

4.1.2. *Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Tużax/tapplikax direttament fuq jew ħdejn l-ikel, l-għalf jew xorb, jew fuq uċuħ jew utensili li għandhom mnejn jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-għalf, ix-xorb, jew bhejjem/annimali domestiċi.

Tapplikax ħdejn korpi ta' ilma tal-wiċċ.

Waqt l-applikazzjoni tal-prodott (fuq l-injam ippreparat) u waqt li l-uċuħ ikun qed jinxfu, tikkontaminax l-ambjent. It-tixrid kollu tal-prodott għandu jiġi konfinat billi tgħatti l-art (eż. bit-tarpolin) u jintrema b'mod sigur.

4.1.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.1.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.1.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.2. **Deskrizzjoni użu**

Tabella 2. Uża # 2 – Tgħaddis manwali (professjonali)

Tip ta' Prodott	TP 08 - Preservattivi għall-injam
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Fuġiċida.
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem komuni: Fungi ta' tebgħa blu istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: Basidiomycetes: isem komuni: Fungi ta' taħsir kannella istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Trattament ta' Prevenzjoni tal-Injam Klassi tal-użu 2 u Klassi tal-użu 3
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: tgħaddis manwali Deskrizzjoni dettaljata: Trattament tas-superfiċje
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'Applikazzjoni: 100 ml/m² (kontra l-tebgħa blu fungi); 150 - 160 ml/m² (kontra l-fungi li jgħerru l-injam) Dilwizzjoni (%): - Prodott lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni: Applikazzjoni 1
Kategorija(i) tal-utenti	professjonali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Bott tal-HDPE: 0,375 litri, 0,75 litri, 1,0 L, 2,5 litri, 5,0 litri, 10 litri, 20 litru, 25 litru

4.2.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Tiddilwix (lest biex jintuża).

Ħin tat-tnixxif: Nixxef biexjitqandel u jkun lest għall-passata ta' fuq: madwar 24 siegħa.

Tindif tal-għodod: Uża supun ħafif u ilma.

L-użu ta' passata ta' fuq (topcoat) huwa meħtieġ. Il-passata ta' fuq ma jistax ikun fih preservattiv bir-rita jew tal-injam. Il-passata ta' fuq trid tiġi protetta.

Il-prodott jipproteġi l-wiċċ tal-injam kontra l-tebgħa blu fungi fuq l-injam li huwa minimament 'moderatament għal daqsxejn durabbli kontra l-fungi' skont l-EN 350:2016: Klassi tad-Durabbiltà (DC) 3-4. Ara taqsima 6 għat-titlu sħiħ tal-istandard EN.

4.2.2. *Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiki waqt il-fażi tat-tqandil tal-prodott ikklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew wieħed ekwivalenti. Il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjonit tal-prodott.

Ilbes coverall protettiv (tip 6, EN 13034 jew ekwivalenti).

Dan huwa mingħajr preġudizzju tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Ara taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandard EN u tal-leġiżlazzjoni.

L-applikazzjoni bit-tgħaddis manwali għandha titwettaq sa massimu ta' 30 minuta kuljum.

Tużax/tapplikax direttament fuq jew ħdejn l-ikel, l-għalf jew xorb, jew fuq uċuħ jew utensili li għandhom mnejn jiġu f'kuntatt mal-ikel, l-għalf, ix-xorb, jew bhejjem/annimali domestiċi.

Waqt l-applikazzjoni tal-prodott (fuq l-injam ippreparat) u waqt li l-uċuħ ikun qed jinxfu, tikkontaminax l-ambjent. It-tixrid kollu tal-prodott għandu jiġi konfinat billi tgħatti l-art (eż. bit-tarpolin) u jintrema b'mod sigur.

L-injam li għadu kif ġie ttrattat għandu jinħażen wara t-trattament taħt post imkenni jew fuq wiċċ iebes u impermeabbli sabiex jiġi evitat it-tixtrid fil-ħamrija u l-ilma.

Kwalunkwe tixrid għandu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew ir-rimi.

4.2.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta' emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.2.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.2.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.3. **Deskrizzjoni użu**

Tabella 3. Uża # 3 – Automated dipping, automated spraying, flow coating/deluging (industrial)

Tip ta' Prodott	TP 08 - Preservattivi għall-injam
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Fuġiċida.
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem komuni: Fungi ta' tebgħa blu istadju iżvilupp: ebda data isem xjentifiku: Basidiomycetes: isem komuni: Fungi ta' taħsir kannella istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Trattament ta' Prevenzjoni tal-Injam Klassi tal-użu 2 u Klassi tal-użu 3
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: tgħaddis awtomatizzat, sprejjar awtomatizzat, kisi bi fluss/tgħaddis Deskrizzjoni dettaljata: Trattament tas-superfiċje. Simili għall-kisi/tgħaddis, l-isprejjar awtomatizzat huwa meqjus li jkun **proċess f'żona magħluqa kompletament,** fejn l-esponiment tal-operatur sseħħ primarjament billi jqandel l-injam imxarrab ittrattat.
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'Applikazzjoni: 100 ml/m^2 (kontra l-tebgħa blu fungi); 150 - 160 ml/m^2 (kontra l-fungi li jgħerru l-injam) Dilwizzjoni (%): - Prodott lest biex jintuża Numru u ħin tal-applikazzjoni: Applikazzjoni 1

Kategorija(i) tal-utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Bott/ kontenitur tal-ingrossa intermedju (IBC) HDPE: 120 litru, 220 litru, 1 000 litru

4.3.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Tiddilwix (lest biex jintuża).

Ħin tat-tnixxif:sakemm jinħass niexef meta tmissu.

L-użu ta' passata ta' fuq (topcoat) huwa meħtieġ. Il-passata ta' fuq ma jistax ikun fih preservattiv bir-rita jew tal-injam. Il-passata ta' fuq trid tiġi miżmuma.

Il-prodott jipproteġi l-wiċċ tal-injam kontra l-tebgħa blu fungi fuq l-injam li huwa minimament 'moderatament għal daqsxejn durabbli kontra l-fungi' skont l-EN 350:2016: Klassi tad-Durabbiltà (DC) 3-4. Ara taqsima 6 għat-titlu sħiħ tal-istandard EN.

4.3.2. *Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-prodott għandu jiġi llowdjat biss fit-tagħmir tal-applikazzjoni industrijali permezz ta' sistema tal-ippumpjar/trasferiment awtomatizzata kompletament.

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiki waqt il-fażi tat-tqandil tal-prodott ikklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew wieħed ekwivalenti. Il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjonit tal-prodott.

Ilbes coverall protettiv (tip 6, EN 13034 jew ekwivalenti).

Dan huwa mingħajr preġudizzju tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Ara taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards EN u tal-leġiżlazzjoni.

Il-prodott jista' jintuża biss fil-proċessi ta' tgħaddis awtomatizzat kompletament fejn il-passi kollha fit-trattament u l-proċess tat-tnixxif huma mekkanizzati u ma jseħħ l-ebda tqandil manwali, inklużi meta l-artikoli ttrattati jiġi ttrasportati minn tank tat-tgħaddis għall-iskular/tnixxif u l-ħażna (jekk ma tkunx tnixxfet diġà s-superfiċje qabel ma jitmexxa għall-ħażna). Fejn ikun xieraq, l-artikli tal-injam li għandhom jiġu ttratta għandhon jiġi jintrabtu b'mod sigur (permezz ta' ċinturini tat-tensjoni jew tagħmir tal-ikklampjar) qabel it-trattament u waqt il-proċess tat-tgħaddis, u ma jistgħux jiġu mqandla manwalment sakemm il-wiċċ tal-artikli ttrattati jkun nixef.

L-injam li għadu kif ġie ttrattat għandu jinħażen wara t-trattament taħt post imkenni jew fuq stand iebes u impermeabbli, jew it-tnejn li huma, sabiex jiġi evitat it-tixrid fil-ħamrija, fid-drenaġġ u l-ilma.

Kwalunkwe tal-prodott tixrid għandu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew ir-rimi.

4.3.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.3.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.3.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.4. **deskrizzjoni użu**

Tabella 4. Uża # 4 – Vakwu doppju/proċess ta' pressjoni baxxa (industrijali)

Tip ta' Prodott	TP 08 - Preservattivi għall-injam
Meta rilevanti, deskrizzjoni eżatta tal-użu awtorizzat	Fuġiċida.
Organiżmu/Organiżmi fil-mira (inkluż l-istadju ta' żvilupp)	isem xjentifiku: Basidiomycetes: isem komuni: Fungi ta' taħsir kannella istadju iżvilupp: ebda data
Qasam tal-użu	Indoor Trattament ta' Prevenzjoni tal-Injam Klassi tal-użu 2 u Klassi tal-użu 3
Metodu(i) ta' applikazzjoni	Metodu: Vakwu doppju/proċess ta' pressjoni baxxa Deskrizzjoni dettaljata: Trattament preventiv.
Rata (rati) ta' applikazzjoni u frekwenza	Rata ta 'Applikazzjoni: 74,6 – 79,5 kg/m^3 Dilwizzjoni (%): 10% ta' soluzzjoni li qed tintuża (parti 1 tal-prodott: 9 partijiet ilma) Numru u ħin tal-applikazzjoni: Applikazzjoni 1
Kategorija(i) tal-utenti	industrijali
Daqsijiet tal-pakkett u materjal tal-imballaġġ	Bott/IBC HDPE: 120 litru, 220 litru, 1 000 litru

4.4.1. *Uża speċifiċi istruzzjonijiet għall-użu*

Ħin tat-tnixxif: sakemm jinħass niexef meta tmissu.

4.4.2. *Miżuri ta 'mitigazzjoni tar-riskji speċifiċi għall-użu*

Il-prodott għandu jiġi llowdjat biss fit-tagħmir tal-applikazzjoni industrijali permezz ta' sistema tal-ippumpjar/trasferiment awtomatizzata kompletament.

Ilbes ingwanti protettivi reżistenti għall-kimiki waqt il-fażi tat-tqandil tal-prodott ikklassifikati taħt l-Istandard Ewropew EN 374 jew wieħed ekwivalenti. Il-materjal tal-ingwanti għandu jiġi speċifikat mid-detentur tal-awtorizzazzjoni fi ħdan l-informazzjonit tal-prodott.

Ilbes coverall protettiv (tip 6, EN 13034 jew ekwivalenti).

Dan huwa mingħajr preġudizzju tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Ara taqsima 6 għat-titli sħaħ tal-istandards EN u tal-leġiżlazzjoni.

L-injam li għadu kif ġie ttrattat għandu jinħażen wara t-trattament taħt post imkenni jew fuq stand iebes u impermeabbli, jew it-tnejn li huma, sabiex jiġi evitat it-tixrid fil-ħamrija, fid-drenaġġ u l-ilma.

Kwalunkwe tal-prodott tixrid għandu jinġabar għall-użu mill-ġdid jew ir-rimi.

4.4.3. *Fejn speċifika għall-użu, il-partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet l-ewwel għajnuna u miżuri ta 'emerġenza biex jipproteġu l-ambjent*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.4.4. *Fejn speċifika għall-użu, l-istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

4.4.5. *Fejn speċifika għall-użu, il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin*

Ara d-direzzjoni ġenerali għall-użu.

5. **DIREZZJONIJIET ĠENERALI GĦALL-UŻU** [1]

5.1. **Istruzzjonijiet għall-użu**

Kun konformi tal-istruzzjonijiet għall-użu.

Tużax il-prodoff fuq l-injam jew strutturi tal-injam li huma maħsuba sabiex jintużaw fuq ġewwa ħlief għall-użuħ interni tal-frejms esterni tat-twieqi u tal-bibien esterni/frejms tal-bibien.

It-temperatura għandha tkun ogħla minn 5°C u l-umdità relattiva taħt it-80% waqt l-applikazzjoni u t-tnixxif.

Ħawwad il-prodott qabel tużah.

Evita l-kuntatt mal-ġilda u l-għajnejn.

Aħsel idejn u wiċċek wara li tapplika u tuża l-prodott, u qabel ma tiekol, tixtrob jew tpejjep.

5.2. **Miżuri ta 'mitigazzjoni ta' riskju**

Tuża fuq injam li jista' jiġi f'kuntatt mal-ikel, l-għalf, ix-xorb, il-bhejjem.

5.3. **Partikolaritajiet tal-effetti diretti jew indiretti, l-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna u l-miżuri ta 'emerġenza biex jipproteġu l-ambjent**

JEKK JINBELA': Jekk iseħħu s-sintomi ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK FUQ IL-ĠILDA: Aħsel il-ġilda bl-ilma.Jekk iseħħu s-sintomi ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK FL-GĦAJNEJN: Jekk is-sintomi jseħħu laħlaħ bl-ilma. Neħħi l-contact lenses, jekk ikunu preżenti u huwa faċli li tagħmel, Ċempel liċ-ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

JEKK JINĠIBED MAN-NIFS: Jekk iseħħu s-sintomi ċempel ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib.

Meta tfittex għal parir mediku, ara li jkollok il-kontenitur jew it-tikketta tal-prodott f'idejk.

5.4. **Istruzzjonijiet għar-rimi sikur tal-prodott u l-ippakkjar tiegħu**

Dan il-prodott u l-kontenitur tiegħi għandhom jintremew b'mod sigur bħala skart perikoluż.

Kwalunkwe prodott miġbur waqt l-applikazzjoni tiegħu li ma jintużawx mill-ġdid għandu jintrema b'mod sigur bħala skart perikoluż.

Armi l-imballaġġ u l-prodott mhux użat f'konformità mar-regolamenti lokali. Jekk ikun meħtieġ, ikkonsulta operatur tar-rimi professonali jew l-awtoritajiet lokali.

5.5. **Kundizzjonijiet tal-ħażna u l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-prodott taħt kundizzjonijiet normali tal-ħżin**

Żomm 'il bogħod mit-tfal u mill-annimali/annimali domestiċi mhux fil-mira.

Taħżinx ħdejn ikel, xorb jew oġġetti tal-ikel għall-annimali.

Ħajja fuq l-ixkaffa: 12-il xahar.

Aħżen taħt il-35°C.

Aħżen f'post kiesaħ, niexef u ventilat sew.

Ipproteġi kontra l-ġlata.

Ipproteġi kontra d-dawl.

Il-kontenituri miftuħin għandhom jiġu ssiġillati mill-ġdid u miżmuma weqfin sabiex tevita t-tnixxija.

[1] L-istruzzjonijiet għall-użu, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji u struzzjonijiet oħrajn għall-użu taħt din it-taqsima huma validi għal kull użu awtorizzat.

6. **INFORMAZZJONI OĦRA**

Dwar l-Użu 1 u l-Użu 2: Professjonisti u/jew professjonisti mħarrġa jekk meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Titli sħaħ tal-istandards EN u tal-leġiżlazzjoni msemmija fit-taqsima 4.1.1, 4.2.1, 4.3.1, 4.2.2, 4.3.2 u 4.4.2:

EN 335:2013 - Durabbiltà tal-injam u tal-prodotti abbażi tal-injam - Klassijiet tal-użu: definizzjonijiet, applikazzjoni fuq l-injam solidu u l-prodott abbażi tal-injam.

EN 350:2016 - Durabbiltà tal-injam u tal-prodotti abbażi tal-injam - Ittestjar u klassifikazzjoni tad-durabbiltà tal-aġenti bijoloġiċi tal-injam u tal-materjal abbażi tal-injam.

EN 374 – Ingwanti protettivi kontra l-kimiki u l-mikroorganiżmi perikoluż. Parti 1: terminoloġija u ħtiġijiet tal-prestazzjoni għar-riskji kimiċi.

EN 13034 -Ilbies protettiv kontra l-kimiki likwidi. Rekwiżiti tal-prestazzjoni għall-ilbies protettiv kontra l-kimiki li joffru prestazzjoni protettiva limitata kontra l-kimiki likwidi (Tagħmir ta' Tip 6 u Tip PB [6])

Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 t'April 1998 fuq il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem mir-riskji relatati mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE) (ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11).